Organu tal-"Malta Police Association"
Ippubblikat minn
Associated News (Malta) Ltd.
Stampat fil-Union Press
Editur — Michael Marshall

# IL-PULIZIJA

Vol. 1
Novembru 1977 - No. 7.

## Assistance rendered by officers of the ITALIAN MILITARY MISSION to the Police.

On the 15th September 1977 Lt. Col. Pietro Zampieri Head of the Italian Military Mission in Malta and his officers were entertained to drinks by the Commissioner at General Police Headquarters.

The Mission is the outcome of a bilateral agreement entered upon by the Government of the Republic of Italy and that of Malta for the economic and social development of our Islands. Over the last four years, the Mission's technical officers had planned and supervised the construction of ten arterial roads, had contributed towards the construction of the newly inaugurated runway at Luqa Civil Airport, had built numerous dams and reservoirs for water catchment, had organized courses in technical drawing, had brought electricity and telephone service in various remote areas and had trained over four thousand workers in skilled trades utilised in the telecommunication, and civil engineering fields as well as in public works projects.

Special mention must be made of three of these officers Capitano Luigi Sansone and Maresciallo Sandro Gambini and Alfio Toscano who have been doing sterling work reorganizing and refurbishing with tools and equipment worth thousand of pounds to Mechanical Transport Section and the Mounted Police Branch of this department. We appreciate their zeal and devotion to duty and we are most grateful for the professional and valid assistance and their expert impartation of technical knowhow.



**Maresciallo Alfio Toscano.**



**Lt. Col Pietro Zampieri (sitting) 2nd from right, Capitano Luigi Sansone (sitting) 1st from right, Maresciallo Sandro Gambini (standing) 6th from left.**

# EDITORJAL

## Tibdil fl-Ordinanza Numru II/1961

Kien il-ħsieb ta' l-Association li matul din is-sena ssir talba lill-awtoritajiet biex l-Ordinanza li tirregola l-organizzazzjoni, id-dixxiplina u d-dmirijiet tal-Pulizija ta' Malta tiġi amendata jew aħjar mibdula.

Ix-xogħol rigward l-Ordinanza kien diġa' beda, iżda minħabba diversi raġunijiet, fosthom id-dewmien kien li hemm biex jiġu solvuti t-talbiet pendenti ta' l-Association, dan ix-xogħol ma tkompliex.

L-Ordinanza tal-Pulizija nistgħu ngħidu hija mfassla fuq dik Ingliża. L-Association pero, ħasbet biex tipprovdi dawk il-liġijiet tal-Pulizija Ewropej, fosthom l-Italja, Franza u Ġer-Ġermanja biex minnhom jittieħed dak li hu tajjeb u jista' japplika għalina.

Fost it-tibdil li bi ħsiebna nissuġġerixxu se jkun hemm il-kostituzzjoni ta' l-Association għall-ewwel darba mfassla mill-membri tagħha b'enfasi fuq it-'terms of reference' ta' l-Association. Aħna jidhrilna li għandu jkun hemm 'terms of reference' aħjar għaliex fil-preżent l-Association ma tistax iġġib għal-konjizzjoni ta' l-awtoritajiet ċerti kwistjonijiet.

Biex kulħadd (Il-Korp) ikollu sehem f'din il-biċċa xogħol verament siewja għall-Korp, se nibdew nippubblikaw, f'partijiet, l-Ordinanza Nru. II/1961 bl-iskop li kull min jixtieq jagħmel xi suġġeriment dwar xi tibdil jiktbilna. B'dawn is-suġġerimenti, flimkien ma' dak li nistgħu napplikaw fil-Korp tagħna u li diġa' jeżisti f'pajjiżi oħra kif semmejna, l-Association tiddiskutihom ma' l-Official Side biex flimkien nagħmlu Att tal-Pulizija (Police Act).

**Il-Bord Editorjali.**


Balluta
Hotel
Bar &
Restaurant
OPEN TO NON RESIDENTS
MAIN STREET,
ST. JULIAN'S TEL: 39107

# X'sar mill-Association matul din is-sena li ilha mwaqffa

Kumitat sa l-aħħar ta' Novembru, 1977:

P.S. 919 M. Marshall, Chairman.

P.C. 355 E. Attard, Segretarju.

Rappreżentanti fil-Joint Central Committee:

Spetturi: Insp. C. Demicoli, Insp. J. Gauci, Insp. J. Sciberras, Insp. S. Galea, Insp. G. Grech, Insp. A. Calleja.

Maġġuri: S.M. G. Cilia, S.M. E. Agius.

Surġenti: P.S. 398 R. Henwood McKeon, P.S. 908 A. Borg, P.S. 1099 A. Cauchi, P.S. 1012 A. Mula, P.S. 358 E. Calleja, P.S. 896 F. Brown.

Kuntistabblijiet: PC 649 M. Saliba, P.C. 1338 A. Mifsud, P.C. 307 J. Calleja, P.C. 474 S. Montanaro, P.C. 319 J. Vella, P.C. 874 L. Inguanez, P.C. 371 C. Grima, P.C. 1299 A. Polidano.

L-ewwel rappreżentazzjonijiet lill-Kummissarju saru fid-9 ta' Diċembru 1977 meta sar magħruf li ma kienux jistgħu jsiru parties tal-Milied. L-Association kitbet lill-Kummissarju sabiex terġa' tiġi kkunsidrata d-direttiva tiegħu bl-iskop li jerġa' jkun possibbli li jiġi organizzat dan l-entertainment ta' darba f'sena.

F'ittra oħra li ġġib l-istess data, l-Association talbet din l-informazzjoni:

1. Jekk f'dan l-aħħar żmien sarux xi negozjati bejn id-Dipartiment tal-Pulizija u l-Gvern dwar ir-rati tal-extra duty on payment u jekk din ġietx imsemmija fl-eżerċizzju tar-rijorganizzazzjoni. (It-tweġiba kienet li l-extra ma kenitx inkluża fir-rijorganizzazzjoni).

2. Min kienu r-rappreżentanti tal-Ispetturi u Other ranks fit-taħditiet dwar ir-rijorganizzazzjoni tal-Pulizija u jekk il-figuri aċċettati ttieħdux taħt protesta. (It-tweġiba kienet li saru diskussjonijiet mal-Gvern, iżda l-Association sal-lum għadha ma tafx min irrappreżenta l-Ispetturi u l-Other Ranks.

3. Jekk meta kienet għaddeja mill-Parlament l-Emenda fil-liġi dwar il-pensjonijiet ġiex ikkonsultat id-dipartiment tal-Pulizija? Jekk fl-affirmattiv, x'kienu l-veduti tad-dipartiment? Jekk saret xi rappreżentanza, min kienu r-rappreżentanti tal-Pulizija u ma' min tkellmu? (It-tweġiba kienet li din hija policy tal-Gvern).

4. Saritx xi talba min-naħa tad-Dipartiment lill-Gvern dwar xi remunerazzjoni għax-xogħol żejjed li ħadmu l-Pulizija fl-aħħar elezzjonijiet ġenerali in vista li fl-1971 ma ħadna xejn? (L-Association ġiet mogħtija permess sabiex tara l-files dwar din ir-remunerazzjoni. Fl-1971 kienet saret talba, iżda fl-1976 ma saritx).

5. L-Association talbet post fid-Depot biex iservi bħala uffiċju tal-Association. (Din it-talba ġiet milqugħa.)

Fit-2 ta' Frar, 1977, delegazzjoni tal-Association iltaqgħet mal-Kummissarju fejn ġew diskussa dawn it-talbiet:—

1. Li membru tal-Association jattendi kuljum (wara nofs in-nhar) fl-uffiċju tal-Association. (Din it-talba ġiet milqugħa.)

2. Li meta jkun hemm rinforzi ordnati, iċ-Chairman tal-Association jiġi mgħarraf sabiex jieħu ħsieb il-welfare tan-nies speċjalment meta dawn ir-rinforzi jkunu għal siegħat twal u jkun meħtieġ li jingħata xi ikel jew 'refreshments'. (Iċ-Chairman tal-Association ingħata permess sabiex jikkuntattja lis-Suprintendent G.H.Q. u l-R.S.M. f'każijiet bħal dawn. Iżda dan ma sar qatt għaliex meta kien hemm okkażjoni fejn iċ-Chairman talab xi dettalji dwar rinforsi it-tweġiba kienet li ma kienx hemm programm.)

3. L-Association talbet sabiex meta l-Pulizija jkunu ordnati għal siegħat twal u jkunu se jingħataw xi ikel, dan ma għandux ikun sandwiches kif sar fl-imgħoddi.

4. L-Association talbet sabiex issir talba lill-Management tal-Istadium biex issir tinda fejn il-kavallerija tal-Pulizija ikollha, kenn meta tkun ordnata fil-maltemp. (Sal-lum din it-tinda għadha ma saritx.)

5. L-Association għamlet talba sabiex jerġa' jibda jingħata t-training speċjalment ta' 'crowd control'. (It-tweġiba kienet li dan se jsir fil-Police Academy.

6. L-Association talbet sabiex jingħata training fl-użu ta' l-armi għaliex filwaqt li l-Pulizija qed imorru skorta ma' flus, u għalkemm il-Pulizija jkollha l-armi, għad m'għandniex dak it-taħriġ neċessarju. Saret ukoll talba sabiex ir-revolver ikun 'personal issue'. (It-tweġiba fuq l-ewwel parti kienet li se jsir training fil-Police Academy. Rigward it-tieni parti, l-amministrazzjoni ma taqbilx li r-revolver għandu jkun 'personal issue'.)

7. Saret talba sabiex is-sistema tal-Passive duty tispiċċa u s-Surġenti jaħdmu bix-shift. (It-tweġiba kienet li din se tiġi studjata fid-Deployment Exercise li kien qed isir mill-amministrazzjoni.)

8. Saret talba sabiex jingħata trasport f'kull diviżjoni. (Dan illum nistgħu ngħidu li sar, iżda ta' sikwiet il-karozzi jagħmlu żmien twil il-garage tal-Pulizija minħabba tiswijiet).

9. Saret talba sabiex meta jkun hemm rinforsi fejn ikun mistenni ġlied, il-Pulizija jingħataw 'equipment' biex jiġu evitati l-korrimenti. Dan l-equipment għandu jkun jikkonsisti fi 'crash helmets', 'leggings' eċċ.

10. Saret ukoll talba sabiex meta jmut xi **serving member** tal-Korp, dan jiġi midfun bl-unuri kollha fejn jiġi akkumpanjat anke mill-Banda tal-Pulizija.

11. Saret ukoll talba rigward it-tibdil tal-uniformi tas-sajf li diġa' tajna rapport dwarha fil-ħarġa tal-magazine ta' Lulju u talba sabiex is-Slacks and Tunic ma tibqax tintlibes waqt ċertu purċissjonijiet reliġjużi. (Din l-aħħar talba ġiet milqugħa.)

Rigward l-extra diġa' ppubblikajna rapport dettaljat.

# magimix

## does it all




Magimix — the most revolutionary cooking aid to appear on the market. Magimix the only domestic appliance which does all the functions of a food mixer, mincer, shredder, slicer, liquidiser, and juice extractor.
Magimix — minces, chops, grates, slices, purees, mixes, blends, and liquidises. Magimix makes patés, soups, mayonnaise, cakes, pastry and dough. All this simply and efficiently in seconds without any noise.
Magimix — an undisputed bargain at £M65.
Available from the Dealers:
"Avery Sales"; Old Bakery Street, Valletta;
E. Calleja & Sons; 7, Fleur-de-Lys Road, B'Kara;
Gersin; 53A Paola Square, Paola;
Muscats General Stores Ltd; Republic Street, Valletta;
NAAFI Shops;
Wash Well Ltd; St Lukes Road, G'Mangia and Prince of Wales Road, Sliema and from the Agents.

**medairco**

*Valley Road Msida Tel: 41361*

**PUBLIC SERVICE COMMISSION DISCIPLINARY PROCEDURE**

B'effett mit-12 ta' Jannar, 1977, f'każijiet fejn membri tal-Pulizija jiġu mressqa quddiem il-Public Service Commission minħabba ksur ta' dixxiplina, dan jista' jiġi mgħejjun minn rappreżentant tal-Association skond l-artiklu 19 tal-Avviż Legali Nru 5/1977.

Skond l-istess Avviż Legali, il-membri fil-Bords ta' Dixxiplina għandhom ikunu nominati mis-Segretarju Amministrattiv minn lista' ta' uffiċjali pubbliċi industrijali u mhux industrijali li ma jkunux taħt il-grad ta Skrivan I jew gradi analoġi. Il-lista tkun magħmula minn dak in-numru ta' uffiċjali li s-Segretarju Amministrattiv jidhirlu xieraq, u għandha tiġi magħmula minnu wara konsultazzjoni ma' l-istaff Associations u Trade Unions konċernati.

L-Association għamlet talba lis-Segretarju Amministrattiv sabiex hija wkoll tiġi kkonsultata rigward il-ħatra ta' dawn il-membri, iżda sal-lum l-Association baqgħet biss b'acknowledgment'.

L-Association għamlet diversi difiżi f'każijiet ta' ksur ta' dixxiplina quddiem il-P.S.C.

L-Association tagħmel ukoll difiżi f'dawk il-każijiet li jidhru quddiem il-Kummissarju tal-Pulizija.

**Malta Police Association Fund**

Wara talba lill-Kummissarju tal-Pulizija, l-Association Fund qed jiġi kontrollat mill-Kumitat tal-Association. L-iskop ta' dan il-Fund diġa' ssemma' fil-magazine ta' Lulju u 'Statement of Account' jiġi ppubblikat aktar 'il quddiem.

**VACATION LEAVE**

Fil-11 ta' Frar, 1977, meta l-Association saret taf li qed isir eżerċizzju dwar il-vacation leave, saret talba lis-Segretarju Amministrattiv sabiex l-Association tiġi wkoll ikkonsultata bħat-Trade Unions u Staff Associations oħra. Minkejja xi 'reminders' fuq dan is-suġġett l-Association ma ħadet sehem f'ebda diskussjonijiet.

Wara li ħarġet l-OPM Circular Nru. 37/77 rigward l-entitlements il-ġodda tal-Leave, l-Association talbet laqgħa mal-Establishments Secretary fejn għamlita ċara li mhux bi ħsieba tiddiskuti l-entitlement li kien ġie ffissat, iżda kif għandhom japplikaw l-4 ġimgħat Leave.

**Ħinijiet tax-Xogħol**

Fl-14 ta' Frar, 1977, l-Association ġiet mitluba sabiex tagħti l-veduti tagħha rigward tibdil fil-ħinijiet tax-xogħol, jiġifieri, mis-6 a.m. sas-2 p.m., 2 p.m. sal-10 p.m. u 10 p.m. sas-6 a.m.

L-Associaton wara li studjat dawn il-ħinijiet ġodda ħasset li jekk jiġu mplimentati se joħolqu tbatija serja bla neċessita'. Biżżejjed insemmu li wieħed jista' jiżmonta fis-6 a.m. u fid-9 a.m. tal-istess ġurnata jrid jattendi l-Qorti.

L-Association għamel xi suġġerimenti dwar tibdil tal-ħinijiet tax-xogħol, iżda s-sistema ta' Night, Second first tispiċċa u tiġi ntrodotta sistema ta' Second, First, Night u Rest. L-Associaton talbet sabiex tiddiskuti mal-Amministrazzjoni dawn il-ħinijiet il-ġodda.

**Tqassim ta' Pulizija**

Meta l-Association saret taf li qed isir eżerċizzju dwar it-tqassim tan-nies (Pulizija) hija għamlet talba sabiex tagħmel xi suġġerimenti qabel ma jittieħdu xi deċiżjonijiet. L-Association għamlet studju dwar it-tqassim tan-nies u għadha lesta biex tiddiskuti dan.

**Magazine tal-Association**

Fid-29 ta' Marzu, 1977 saret talba lill-Kummissarju sabiex l-Association tibda toħroġ magazine bl-iskop li nagħtu dehra aħjar tal-Korp tal-Pulizija. Minkejja l-ħafna xogħol li fih sabiex jitlesta dan il-magazine, dan qed isir kull xahar.

**Rapport mill-Associatoin**

F'Awissu, 1977, l-Association ġiet mitluba tagħmel rapport dwar il-proposti rigward miżuri li l-Associaton tixtieq li jittieħdu rigward dixxiplina; sabiex jikber ir-ritmu fix-xogħol mingħajr tbatija u jiġu kkumbattuti u solvuti d-delitti u biex jingħata servizz aħjar lis-soċjeta'.

F'dan ir-rapport l-Association għamlet enfasi fuq il-moral tal-Korp li b'dispjaċir wieħed jinnota li qiegħed f'livel baxx. L-Associaton qalet x'kien u x'inhu dak li baxxa l-moral fil-Korp u fost affarijiet oħra issemmew il - ħinijiet tax-xogħol u l-emenda fil-liġi tal-pensjoni.

Fl-istess rapport l-Association talbet sabiex jingħata training lill-membri tal-Korp speċjalment fl-użu tal-armi li llum qed ninnotaw li l-Pulizija qed jiġu bżonnu. Tlabna sabiex barra minn dak il-course li kien jingħata lir-rekluti, jibdew isiru 'refresher courses'.

L-Associatoin talbet sabiex isir studju dwar ix-xogħol li qed tagħmel il-Pulizija bl-iskop li l-Pulizija ma tibqax tagħmel dak ix-xogħol li mhux tagħha u nikkonċentraw aktar fuq dak li hu xogħlna. Dawn l-'extraneous duties' minn dejjem kienu joħonqu l-Korp meta dawn jistgħu jsiru minn Dipartimenti oħra tal-Gvern jew ħaddiema oħra.

F'dan ir-rapport l-Association semmiet suġġett ieħor fejn qed jinħlew ħafna Pulizija. Dan huwa l-Qorti. Fil-waqt li rrakkomandajna li l-liġi tat-Tickets tiġi estiża għall-aktar reati, tlabna sabiex is-seduti jsiru fid-dati tagħhom.

Issuġġerejna li jsiru 'Foot Patrols' għaliex nafu li l-ħalliel ikun għassa għalina u dan kif jara karozza ġejja, iwarrab, għaldaqstant il-foot patrols huma aktar effettivi mill-Patrols bil-karozzi.

Tlabna wkoll li l-promotions fil-Korp ma għandhomx ikunu friżati, għaliex barra milli jservu ta' inċentiv għall-bieżel, dawn iservu sabiex ikun hawn akar xogħol u sorveljanza.

L-Association ssuġġeriet ukoll li f'okkażjonijiet ta' festi eċċ., fejn ikun meħtieġ li jingħalaq it-traffiku, flok li jkun hemm Pulizija f'kull kantuniera, titwaħħal katina b'katnazz min-naħa għall-oħra tat-triq.

Kif jidher sewwa l-Associatoin għamlet ħafna xogħol minnaħa tagħha matul din is-sena tat-twaqqif tagħha. Jekk ma kellniex riżultati pożittivi, dan ma kienx ħtija tagħna.

---

Fit-23 ta' Settembru, 1977, rappreżentanti tal-Association kellhom l-ewwel laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur J. Cachia. F'din il-laqgħa ġie diskuss l-extra, il-vacation leave u talbiet oħra pendenti tal-Association.

# St Michael

ALL KINDS OF WEARING APPAREL FOR LADIES, MEN AND CHILDREN AS WELL AS CARPETS, BED SHEETS, CURTAINS, TOWELS, ETC

FROM THE "ST. MICHAEL" SHOPS AT

## THE STRAND, SLIEMA

AND

## THE PALACE SQR., VALLETTA

A WIDE RANGE OF FOODSTUFFS AND OTHER HOUSEHOLD GOODS FROM:

## ST. MICHAEL'S SUPERMARKET

THE STRAND, SLIEMA

AND

## ST. MICHAEL MINI MART

PIONEER ROAD, BUGIBBA

SLIEMA 31745

VALLETTA 624304

## INCIDENTI TAT-TRAFFIKU

Fl-aħħar ħarġa tkellimna fuq it-traffiku tat-triq u l-aspett negattiv tiegħu. Sejrin nagħtu bidu għal sensiela ta' erba artikoli, fuq kif taħsibha l-Knisja, mill-ambjent soċjoloġiku. Fl-1970 "Reliġjon u Ħajja" pubblikazzjoni tal - Patrijiet Franġiskani Konventwali, (ara ritratt) ħarġet il-ħames volum tas-sensiela — Soċjoloġija No. 5 — bit-titlu impressjonanti "TBAJJA TA' DEMM FUQ L-ASFALT".

Diversi kittieba offrew sehemhom. Aħna, fl-interess ġenerali, u wara li ġibna l-permess tad-direzzjoni, sejrin nirriproduċu, fuq il-gazzetta tagħna erbgħa minn seba' artikoli li huma:

1. Tbajja ta' Demm fuq l-Asfalt — ta' Patri Elia Vella.
2. Traġedja ta' Mewt u ta' Biki — kliem il-Papa Ġwanni XXIII.
3. Dawk li jiltaqgħu mal-Mewt fit-triq — ta' Patri Alex Bonnici.
4. Il-Qattiela fit-triq — Ħatjin jew Boloh? — tal-Kan. Profs. Carmelo Muscat.

Kittieb ieħor li jinteressana huwa s-Supretendent Paul Mamo, li fl-artiklu tiegħu fisser tajjeb ħafna ir-regolamenti tat-traffiku tat-triq. Spjega l-aspett legali u ċiviku li jimxu mar-regolamenti tat-traffiku. Fuq dan m'għandix xi nżid għax ir-regolamenti qegħdin hemm miktubin għal kulħadd.

It-traffiku huwa suġġett li jinteressa ħafna lill-Pulizija, u għalhekk huwa xieraq u sewwa li naraw kif jaħsibha ħaddieħor fuq it-traffiku. Inħarsu lejn il-wiċċ l-ieħor tal-munita.




# Tbajja ta Demm fuq l-asfalt

**Minn Elia Vella**

Qatt inzertajt għand familja li ftit jiem qabel tilfet lil wieħed mill-membri tagħha b'inċident tat-traffiku? Jien inzertajt, u sinċerament ngħid li ma rnexxielix inżomm id-dmugh nieżel minn għajnejja. Kien missier ta' familja li safa mgħarraq f'demmu ...... għax ħaddieħor kien imprudenti!

U ma' dan il-missier, kemm u kemm oħrajn li nafuhom, u li demmhom spiċċa jċarċar mal-asfalt tat-triq! Kemm iltiema u romol, minn sena għall-oħra jiżdiedu minħabba inċident tat-traffiku!

Għidt: INĊIDENT. U s'hawn ħadd ma jista' jagħmel xejn. Imma, kemm minn dawk l-inċidenti m'huma xejn inċidenti, imma huma veri assassini, suwiċidji? Kemm ili nqarar, bħala saċerdot, l-ebda ġuvnott jew raġel ma stqarr li jħossu ħati tal-li saq bl-addoċċ, b'veloċita żejda fl-abitat. Iva, il-gwaj jinsab hawn: li lanqas biss nafu — jew aħjar ma rridux nafu — li dan forsi huwa dnub ikbar minn ċerti dnubiet oħra li nqerruhom ta' spiss. Meta npoġġi fil-periklu l-ħajja tal-proxxmu tiegħi, jien inkun qed nikser il-ħames kmandament: La Toqtolx! Kif jien, jekk ngħaddi minn triq fejn naf li hemm ser insib tentazzjoni kontra l-purita' tiegħi, u ngħaddi minnha l-istess bla bżonn, jien inkun qed nidneb, hekk ukoll meta nagħfas bla bżonn il-gas, u allura npoġġi l-ħajti u ħajjet ħaddieħor fil-periklu, anke jekk fil-fatt ma jiġri xejn, jien l-istess inkun nidneb kontra Alla, kontra s-soċjeta' u kontra tiegħi nnifsi.

Kull sewwieq għalhekk, jinsab fid-dmir li jagħmel kull attenzjoni neċessarja biex jiġu evitati d-disgrazzji. Dawk li għax għandhom karozza f'idejhom jippretendu li huma r-rejiet tat-toroq, fil-fatt m'humiex ħaġ'oħra ħlief veri pirati, boloh li lanqas biss jifhmu l-valur ta' l-aktar ħaġa għażiża għalina: il-ħajja.

Bir-raġun kollu l-Awtoritajiet Ċivili minn żmien għal żmien, joħorġu Regolamenti: li jmexxu t-Traffiku. Kull sewwieq għandu jitgħallimhom, u fuq kollox josservahom. Turi tassew immaturita' fil-persuna, meta wieħed ma josservahomx jekk mhux biss meta hemm pulizija li qed jarah. Kull ċittadin jinħtieġ li jrawwem ġo fih sens ċiviku, u fuq kollox kooperazzjoni ma' l-Istat. U meta ngħid kull ċittadin, nitkellem ukoll mill-pedestrian, jiġifieri minn dak li jimxi fit-toroq. Mhux kull aċċident li jiġri jfittex lid-driver bħala l-ħati prinċipali. Ta' sikwit, hu l-pedestrian li jkun ħtija ta' kollox. Nuqqas ta' attenzjoni kif wieħed jaqsam it-triq, jista' jkollu bħala effett demm jiċċarċar ma' l-art!

Illum ftit huma l-familji li m'għandhomx karozza, u għalhekk il-bżonn ta' edukazzjoni fis-sewqan m'għadhiex iżjed il-privileġġ ta' ftit. Dan iġgħalna nagħmlu suġġerimenti lill-awtoritajiet konċernati biex, fis-sylabbus skolastiku (u dan ngħiduh speċjalment issa li dieħla s-sistema ta' edukazzjoni sekondarja għal kulħadd) ikun hemm kors dwar l-edukazzjoni tas-sewqan. L-iskola għandha tipprepara lill-persuna għall-ħajja, u fuq kollox tgħallmu jaffronta l-problemi li l-aktar jiltaqa' magħhom fil-ħajja. Qed jiġri illi, biex nagħtu tagħlim letterarju (ħadd ma jiċħad is-sbuħija tagħha u l-maturita' li l-letteratura tagħtik) qed inħallu fil-ġenb problemi aktar importanti, bħal ngħidu aħna l-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni, is-sewqan u suġġetti oħrajn. Mingħajr ma niċħdu li hi ħajja sabieħa li l-istudenti tagħna jitgħallmu l-kitbiet ta' persuni kbar, jidhirli pero' li hu aktar importanti li ġuvnott ikun kapaċi jikkontrolla lilu nnifsu meta jkun b'idejh fuq li steering u riġlejh fuq il-gas, milli li jiċċitali bl-amment is-solilokwiju ta' Hamlet: "To be or not to be".

Tassew li hawn hija kwistjoni To be or not to Be, kwistjoni ta' mewt jew ħajja!

Suġġeriment ieħor li nixtiequ nagħmlu permezz tal-pubblikazzjoni ta' dan il-pamphlet hu lill-Kummissjoni Liturġika. Jeħtieġ li fost l-insara tinħoloq kuxjenza fejn ilkoll nifhmu d-dmir li għandna li ningħaqdu ma' dawk li jħallu ħajjithom

# ENGLAND VS ITALY

## 16th November

**ENTRANCE TICKETS GUARANTEED**



Several economy and De Luxe package tours are available.

*The De Luxe package tour includes:* **Champagne reception at the Wembley Conference Centre before the match and a film show of the 1966 World Cup.**

**A limited number of seats are available on a first come first served basis.**

*A deposit per person secures booking.*

**The package includes — Air Fare, Malta-London-Malta; coach transfers Airport-Hotel-Wembley Stadium-Hotel and 7 nights accommodation bed and breakfast**

*Contact:*

ALPINE HOLDINGS LIMITED

**ALPINE TRAVEL**
Bisazza Street,
Sliema, Malta
Tel: 37421, 35249

# NOVEMBRU - Xahar ta tifkiriet

**Minn Walter Camilleri**

Kull maħluq għandu tmiemu; darba mwieled irid jintemm; mit-trab għat-trab; kull mibdi mitmum; Tiri tiri tanna u s'hawn wasalna.

Dawn huma ftit ħsibijiet li b'xi mod għandhom x'jaqsmu ma' Novembru. Bħal ma jaf kulħadd, Novembru huwa x-xahar li jfakkarna f'dawk mejtin u fl-istess mewt. Novembru huwa xahar ta' tifkiriet.

Il-kalendarju barra li jfakkarna fil-jum, xahar u s-sena, qiegħed iservina biex immorru lura u/jew 'il quddiem fil-ħsieb tagħna u niftakru f'xi ħaġa jew f'xi ħadd.

Nitkellmu mill-mewt dlonk ngħidu:— "Għada missieri jagħlaq sena mejjet" jew "Nhar il-Ħadd li għadda, (qisu l-bieraħ) ommi għalqet sitt snin mejta". Joqrob Novembru, w il-mejtin kollha jiċċaqalqu f'qabarhom bil-ħsibijiet ta' ħbiebhom u ta' nieshom. Ma hawnx għaqda fid-dinja li b'xi mod jew ieħor ma tfakkarx il-mejtin tagħha. Huwa fatt innegabbli li, billi tikkommemora lill-mejtin, b'daqshekk ħadd minnhom mhu sejjer iqum mill-mewt u jiġi fostna mill-ġdid.

Imma dan il-ħsieb ma għandux iservi biex inessina t-tifkira ta' niesna li aħna demmhom u laħamhom u li darba kienu magħna jsostnuna b'dak kollu li kellna bżonn.

Ma għandniex b'daqshekk ninsew lil dawk li tqabdu ma' l-għadu sal-mewt, fil-waqt li aħna llum, ninsabu ngawdu frott il-ħidma tagħhom.

Ma għandniex ninsew lil dawk ħbiebna u sħabna tax-xogħol, li kienu parti minnha, u li bosta minnha ninsabu fejn ninsabu frott il-għaqal tagħhom.

B'dan il-ħsieb quddiemna, li niftakru f'dawk kollha mejtin, ma nistgħux ninsew u nammiraw il-ħidma ta' dawk il-membri tal-korp tal-pulizija li ħabirku biex jibnu qabar kbir fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata f'għieħ sħabhom (u sħabna) mejtin u nieshom.

Fit-30 ta' Ottubru 1932 il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Salvu Galea, ħareġ general order lill-membri kollha tal-korp tal-pulizija, fejn għarrafhom illi, fl-1 ta' Novembru li kien imiss, kellha ssir ċerimonja ta' tifkira fuq l-oqbra tal-pulizija, li kienu għadhom kemm ġew restawrati, u li fuqhom tpoġġa l-monument ċentrali, b'tifkira tal-imseħbin mejtin tal-korp.

Din it-tifkira baqgħet issir kull sena fl-1 ta 'Novembru. Ċerimonja para-militari b'servizz reliġjuż li jinkludi t-tberik tal-oqbra, qari mill-Evanġelju u kant reliġjuż tal-okkażjoni mit-tfal tal-Istitut ta' San Ġużepp tal-Ħamrun. Ċerimonja żgħira u sempliċi imma fiha sinifikat sublimi.

Ix-xiri ta' kompartament sħiħ ta' oqbra mill-pulizija, li jiġbor fih 36 qabar u żewġ ossarji kien rifless t'eżempju tajjeb li l-Marina Police kienu taw fl-1881.

Għalkemm il-Marina Police ġiet amalgamata mal-pulizija fl-1859, huma, bħala sezzjoni/diviżjoni tal-korp, kienu diġa' organizzaw ix-xiri ta' sitt oqbra fl-istess ċimiterju.

Kienet sezzjoni żgħira mill-korp, — il-Marine Police — li ħeġġet bla ma riedet il-korp fis-sura ġenerika tiegħu, biex fuq skala akbar, isir mafkar b'tifkira ta' dawk il-membri mejtin tal-korp tal-pulizija.

J'Alla l-korp tal-pulizija, jibqa' jfakkar fix-xahar ta' Novembru, it-tifkira ta' dawn l-imseħbin mejtin tal-korp, biex iż-żmien ma jnessi qatt lil dawk sħabna li darba kienu magħna u llum jinsabu għad-dell taċ-ċipress, fejn aħna għada pitgħada, irridu w ma rridux, ikollna ningħaqdu magħhom fis-sliem.

Għatihom Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem.



Il-Monument fuq l-oqbra tal- Pulizija li ġie mwaqqaf fl-1932.

tkompli minn p. 7

fuq l-asfalt tat-triq mal-familji tagħhom. Hi xewqa tagħna li jkollna f'idejna Talb tal-Fidili adattat għal dan l-iskop u quddiesa votiva bil-Malti li fiha nitolbu għal dawk li matul il-ġurnata jkunu se jħallu ħajjithom, biex ispirati mill-Mulej, jippreparaw irwieħhom bi qrara tajba.

Ilkoll kemm aħna mmissu b'idejna l-problema, pero' ftit li xejn qed niċċaqalqu biex inħolluha. U biex il-problema tal-inċidenti tat-traffiku tinħall jeħtieġ il-kooperazzjoni ta' kulħadd. Jekk kull min jaqra dan il-pamphlet jagħmel almenu hu l-parti tiegħu, inkunu kuntenti, għax ikun laħaq l-għan tiegħu.

# LIGI

## Tista tisraq minn but vojt?

Id-domanda tiegħek issib it-tweġiba tagħha fir-risposta għad-domanda KIEN HEMM PERIKLU LI LIL SID IL-BUT TINSTERAQLU XI ĦAĠA? La ma kienx hemm dak li l-awturi Taljani jsejħu "pericolo corso", periklu veru li jinsteraq xi ħaġa, allura ma kienx hemm reat. L-intenzjoni li tisraq, il-preparazzjoni u l-fatt kommess f'dal-każ ma jwasslux għat-tentattiv punibbli.

Wieħed irid joqgħod ferm attent meta jiġi biex jaċċetta sentenzi ta' Qrati barranin bħala validi għal-liġi tagħna. Il-prinċipji ġenerali jistgħu jiġu aċċettati u huma ta' siwi kbir imma l-interpretazzjoni ta' xi bran ta' liġi barranija ma jistax isir tagħna jekk qabel ma neżaminawx bir-reqqa biex naraw jekk dak il-bran hux eżatt bħal-liġi tagħna. It-THEFT ACT Ingliż huwa differenti mil-liġi Maltija dwar is-serq kif insibuha fil-Kodiċi Kriminali tagħna.

Il-Liġi tagħna tiddefinixxi t-tentattiv bħala dak l-att li bih wieħed bil-ħsieb li jagħmel delitt juri dal-ħsieb b'attijiet esterjuri u b'hekk jagħti bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt.

F'każ ta' tentattiv wieħed irid jiftakar illi

a) Ħadd ma jista' jinstab ħati ta' tentattiv ta' kontravenzjoni;

b) Ħadd ma jista' jinstab ħati ta' tentattiv ta' delitt magħmul involontarjament jew reat li jsir bil-kliem;

c) Fit-tentattiv l-att magħmul ma jridx ikun biss att preparatorju bħalma hu l-ippjanar tad-delitt jew l-akkwist tal-mezzi li bihom hu maħsub li jsir id-delitt, imma jrid ikun hemm ukoll bidu ta' konsumazzjoni tad-delitt permezz ta' attijiet esterjuri. It-test li wieħed japplika biex jara jekk sarx tentattiv għandu jkun 'Seta N.N. jgħid lilu nnifsu. Ma rridx nibda. Jekk it-tweġiba hija IVA, mela dak kien għadu fil-kamp ta' l-atti preparatorji u ma hemmx tentattiv. Jekk min-naħa l-oħra N.N. bilfors irid jgħid lilu nnifsu 'ma rridx inkompli', allura hemm bidu ta' esekuzzjoni u hemm it-tentattiv.

d) Biex ikun hemm it-tentattiv ta' reat il-mezz użat irid ikun idoneju jiġifieri li possibbli li bih ir-reat jirnexxi u jsir.

e) Il-valur tal-oġġetti f'każ ta' tentattiv ta' serq għandu jiġi determinat mill-kumpless taċ-ċirkostanzi. Wieħed irid jistaqsi lilu nnifsu, 'X'kellu f'moħħu jieħu u x'seta' ġarr miegħu l-imputat kieku ma sfrattalux il-pjan tas-serqa'?

Id-differenza bejn atti preparatorji u atti esekuttivi fit-tentattiv ġiet spjegata fis-sentenza PULIZIJA v RUGGIER CAMILLERI et 4.4.44 per HARDING J. (LAW REPORTS Vol. 32. Part IV page 698/711).

**Akkuża:** Bil-lejl ittantaw jisirqu drums tal-petrol mill-Blue Dump Mdina Road, Qormi fi żmien il-gwerra.

**Kundanna:** Misjuba ħatja, Camilleri kkundannat sentejn ħabs u Attard ħmistax-il xahar.

**Fl-Appell:** Il-kundanna ta' Camilleri ġiet imnaqqsa b'sitt xhur.

**Fatti:** F'xi 8 p.m. kien hemm van wieqaf ħdejn id-dump Meta resqu s-suldati tal-għassa l-van telqet. Meta dawn warrbu il-van reġa' ġie. Il-fanali bdew jixegħlu u jintfew. Viċin il-van taħt ħajt tal-għalqa tad-dump imma fit-triq maħruġ mid-dump kien hemm drum mimli petrol. Tliet drums oħra kienu maqlugħa mill-munzell ta' drums li kien hemm fid-dump u mressqa viċin il-ħajt tal-għalqa. Fil-van instabu ż-żewġ appellanti.

Il-Qorti tal-Appell irriteniet li dawn il-fatti ma kienux biss atti preparatorji, imma anki atti esekuttivi u kkundannat.

L-importanza li l-mezz użat biex bih isir ir-reat ta' tentattiv għandu jkun idoneju u ġiet illustrata fis-sentenza tal-Appell PULIZIJA v CARMELO BUSUTTIL et 6.5.61 per HARDING J. (LAW REPORTS Vol. 45 Part IV page 950).

**Akkuża:** Esportazzjoni ta' kafe' bla liċenzja.

**Fatti:** Mill-bajja taċ-Ċirkewwa sar tentattiv biex jiġi esportat il-kafe' (82 xkora) fuq skuna "Cesare" ta' wieħed Sqalli.

**Kundanna fl-Appell:** Busuttil 15-il ġurnata u £500; Giudice 15-il ġurnata u £500; Garofalo (tifel) jumejn detenzjoni u £15.

Il-Qorti qalet li la l-iskuna skond id-dokumenti ma setgħetx tieħu tagħbija ta' aktar minn 3.11 tunellati, il-piż tal-kafe' li jeċċedi dik it-tagħbija ma jistax jitqies għall-fini tat-tentattiv. 82 skora kafe' jiżnu ħames tunellati u nofs.

Dwar il-valur ta' l-oġġetti fit-tentattiv ara PULIZIJA v MAURICE GOLDSTEIN 15.2.56 per FLORES J. (LAW REPORTS VOL. 40 PART IV Page 1020).

**Akkuża:** Tentattiv ta' serq.

**Fatti:** Goldstein inqabad mill-pulizija viċin il-post li fih daħal biex jisraq is-sagristija tal-Knisja ta' Ta' Xbiex li kienet għadha qed tinbena. Is-serqa ġiet sfrattata mill-patrijiet.

**Kundanna:** Sena ħabs.

Il-Qorti għallmet illi fil-każ ta' tentattiv ta' serq il-valur ta' l-oġġett għandu jiġi determinat mill-kompless taċ-ċirkostanzi. Il-fatt li wieħed jidħol f'post biex jisraq ma jfissirx neċessarjament li hu ried jisraq kullma kien hemm f'dak il-post. L-akkuża trid issir fuq il-verosimiljanza ta' x'kellu f'moħħu jieħu u x'seta' jisraq l-imputat bil-mezzi li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu.

Sentenzi oħra li fihom tagħlim siewi ħafna fuq it-tentattiv huma:

P. v Gius Zammit 20.10.27 Vol. 26. Part IV Page 768.
R. v Lorenzo Cassar 18.11.41 Vol. 31. Part IV. Page 297.
P. v Gius. Deguara 11.12.42.
P. v Vittorio Giudice 10.5.47.
P. v Ant. Busuttil 12.3.55 Vol. 39. Part IV. Page 981.
P. v Gregorio Attard 14.2.62 Vol. 46. Part IV. Page 807.
P. v Giov. Muscat 10.1.74.
P. v Guido Chircop 10.1.75.
P. v F. Fenech de Fremaux 9.8.76.

# KUMMENTI

**Minn IPOLITO**

Intqal fil-magazine tagħna Vol. 1 No. 5 paġna 11, xi ħaġa dwar is-suġġett fuq imsemmi, u fost kollox naqraw: "Raġel ġie akkużat b'tentattiv ta' riċettazzjoni" u jkompli, "instab li l-oġġetti ma kienux aktar magħduda bħala misruqa".

Dan kien każ ta' xi tliet snin ilu fl-Ingilterra. Nistaqsi: Jekk l-oġġetti ma kienux aktar magħduda bħala misruqa, ifisser li min seraq ma seraqx minn but vojt!! Ma kienx hemm attentat ta' serq imma serq definittivament. Minn dan il-każ jirriżulta li kien hemm żewġ deċiżjonijiet. Waħda kontra l-akkużat — allura ħati ta' serq — u l-oħra mhux ħati ta' serq. Ma nafx jekk dawn id-deċiżjonijiet ittieħdux fid-dawl tad-deċiżjonijiet mogħtija fl-1864; u fl-1892. Il-każ mhux spjegat biżżejjed biex tipprova telabora iżjed.

Minn dawn id-deċiżjonijiet tal-qrati Ingliżi, jidhirli li aktarx hemm tliet każijiet (1864; 1892 u 1974) li għalkemm setgħu jixxibħu, kollhom xi ħaġa mhux komuni bejniethom, tant, li wasslu għal sentenzi differenti. Nifhem ngħid li kull każ, hu x'inhu l-każ, trid tieħdu u tistudjah għalih. Casus Solvendi Causa.

Jiena ma hinix kompetenti biex nikkummenta fuq id-deċiżjonijiet tal-qrati Maltin u Ingliżi. Sejjer biss nillimita ruħi mill-aspett naturali tal-mistoqsija "Tista' tisraq minn but vojt?"

Nifhem ngħid illi meta wieħed jaċċetta l-ħsieb li jisraq u jwettaq serqa (anke mhux kollha), dan awtomatikament huwa ħati ta' serq. La twieled il-ħsieb u l-ħsieb sar fatt, allura l-azzjoni sħieħa tkun saret. Mill-banda l-oħra, wieħed jaċċetta l-ħsieb li jisraq, imur biex jisraq jew imidd idu biex jisraq, u ma jisraq xejn, għax ma jitħalliex jew għax ma jsib xejn, dan hu ħati biss ta' Attentat ta' serq. Bl-ebda mod ma jkun ħati ta' serq (fair and reasonable).

Jekk nittratta "Ad Litteram" din il-mistoqsija fuq imsemmija, nifhem ngħid l-ewwelnett li l-kelmiet "Tista' tisraq" weħidhom diġa' jirrifiettu sens negattiv.

Bla dubju nwieġeb li ma tistax, u dan mill-ambitu morali u kriminali. Il-qofol ta' din il-mistoqsija huma l-kelmiet "Minn but vojt". Forsi jkun hawn min jistaqsi "Min hu dak il-miġnun li jmur jisraq minn but vojt jekk hu vojt?"

Nerġa' ngħid li l-buzillis qiegħed hawn. Huwa veru li ħadd ma jista' jisraq minn but vojt, għax la huwa vojt ma tista' tisraq xejn minnu. IMMA jekk xi ħadd jippretendi li dak il-but huwa mimli, (u fil-fatt ikun vojt) u jmidd idu biex jisraq, allura jibda l-esekuzzjoni tas-serqa, hawnhekk ikun kiser il-liġi xorta waħda. Għax l-attentat ikun sar u l-liġi tiddistingwi bejn serq sħiħ u attentat ta' serq.

L-attentat ta' serq huwa ta' l-istess razza u kulur tas-serq imma, ftit anqas skur mis-serq. Xorta waħda ksur tal-liġi. Issa, jekk tistax tisraq minn but vojt jew le, dan fis-sustanza tiegħu jirrifletti espliċitament l-intenzjoni ħażina u diretta.

## *When is a public gathering NOT a public meeting?*

**Pol. (Supt. A. Jos. Bencini) vs. Henry Jones et. 9.6.51. per** Montanaro Gauci J. Vol. 35 Part IV Page 727

**Charge:**

Holding a public meeting without prior notice being given to the Commissioner of Police as required by section 3 of Chap. 108.

**Facts:**

Mr. Jones notified the Commissioner that he intended to hold a public meeting at Żebbuġ (Gozo), the notice reached the Commissioner less than 48 hours before time of meeting, hence the refusal. Mr. Jones went into the house of his supporter Mr. Toni Cini, Closed all doors and windows and spoke into a microphone which had a loudspeaker extension installed outside Mr. Cini's residence, he gave notice to a crowd of about hundred persons gathered outside, that his party was going to hold a public meeting at Żebbuġ the following Sunday at 10 a.m. and invited the inhabitants of Żebbuġ to attend. This notice was repeated several times.

**Judgment:**

The Magistrates' Court sentenced Jones and Cini each to two days detention.

**On Appeal:**

The Court held that no public meeting was held on this occasion and acquitted accused.

**2. Pol. (Inspr. A.M. Tommasi) vs. Mario Grech et. 8.3.58** Per Harding J. Vol. 42 Part IV Page 1276

**Charge:**

Promoting a public meeting without notifying the Commissioner of Police.

**Facts:**

The Malta Union of Farmers held a meeting for farmers at the Parish Hall, Gudja.

**Judgment:**

The Magistrates' Court convicted accused and released them under the provisions of section 23 of the Criminal Code (Probation of Offenders Act).

**On Appeal:**

The Court acquitted accused because the meeting was not a public one, admission was restricted to farmers and the general public was excluded; the Court held that the correct interpretation of the words **'Jew ġewwa bini jew club li fihom il-pubbliku jista' jidħol'** should be

— biex jista' jingħad li jista' jidħol **il-pubbliku** jeħtieġ li d-dħul ikun permess lil kulħadd bla ebda distinzjoni u ma jkunx limitat għal ċerta klassi biss. Ġie deċiż mill-Qrati ta' l-Iskozja li l-kelma 'public' tfisser **open to the members of the public without discrimination.** Fejn il-leġislatur ried 'xorta' oħra dan qalu kif sar fil-liġi Ingliża fejn il-frażi **public meeting** ġiet definita bħala — public meeting includes any meeting in a public place and any meeting which the public or **any section thereof** are permitted to attend.

Voldieri skond il-liġi Ingliża meta ma jkunx meetinġ fl-apert imma ġewwa, hu biżżejjed li tista' tiġi ammessa kategorija limitata tal-pubbliku, mentri skond il-liġi Maltija, jekk il-meeting isir ġewwa jeħtieġ li jkun ammess il-pubbliku in ġenerali, bla diskriminazzjoni ta' xejn għax fil-liġi Maltija ma hemmx il-kliem limitativi **'or any section thereof'** li hemm fil-liġi Ingliża.

"FANTA" IS A REGISTERED TRADE MARK
OF THE COCA-COLA COMPANY.

There are a lot of things that are fun.
Friendship, laughter, warm sunshine.

And good things like these are
even more fun with Fanta.





Fanta tastes like real oranges. Bright, light and so refreshing that it's perfect with meals. In fact, Fanta is good anytime, anyplace.

So the next time you're doing something you enjoy, enjoy the rich taste of Fanta.

It makes good things even better.






# Tastes so good it's fun to be thirsty.

AUTHORIZED BOTTLER: THE GENERAL SOFT DRINKS COMPANY LTD., MDINA ROAD, QORMI.

# Il-Horse Show'77

Nhar il-Hadd, 18 ta' Settembru, 1977, wara nofs inhar, sitt membri tal-Kavalerija tal-Pulizija ħadu sehem fil-Horse Show li saret fil-Marsa Sports Ground. Dawk li ħadu sehem kienu:—

Kuntistabblijiet: Nru. 384 John Grixti fuq iż-żiemel Barbarian; Nru. 221 Elia Muscat fuq iż-żiemel Billy; Nru. 170 Anthony Camilleri fuq iż-żiemel Buddy; Nru. 233 Mario Grech fuq iż-żiemel Basher; Nru. 533 Salvu Attard fuq iż-żiemel Bamburry; Nru. 294 Sebestian Psaila fuq iż-żiemel Boxer.

Waqt dan ix-'Show' saret kompetizzjoni bejn l-imsemmija membri tal-Korp, fejn fost affarijiet oħra ġie ġġudikat l-aħjar abilta' tal-Pulizija kif ukoll tal-bimha; l-ismartezza; l-indafa; l-ubbidjenza taż-żiemel; dressing u l-biża' taż-żiemel mill-ħsejjes.

Biex tiġi ġġudikata l-abilta taż-żiemel, saru diversi eżereżerċizzji f'parti mill-ground magħmula opposta fein iż-żwiemel jidħlu wieħed wieħed u jagħmlu dawn l-eżerċizzji. Dawn kienu jikkonsistu f'mixi bil-pass u bit-trott, 'half pass' lejn ix-xellug u l-lemin (mixi la ġembaġ. Eżerċizzii oħra kienu l-figure of 8 bil-'canter' tmexxija taż-żiemel b'lura għal xi sitta jew seba' jardi u qabża ta' kanal baxx.

Wirja oħra sabiħa kienet fejn ġie ġġudikat il-biża' taż-żiemel mill-istorbju. Dan sar billi ż-żwiemel daħlu f'bitha wieħed wieħed fejn kien hemm il-banda ddoqq.

Ir-rebbieħ ta' din il-wirja kien il-Kuntistabbli Mario Grech li ħa l-ewwel ukoll fl-aħħar wirja li saret sentejn ilu. Fit-tieni post ġie J. Grixti u t-tielet post ġie S. Attard.

Mario Grech daħal fil-Korp tal-Pulizija f'Ġunju, 1967 u ġie ppustjat il-Mounted Section f'Awissu, 1971. Iż-żiemel li għandu taħt idejh huwa Basher li għandu 12-il sena u li nxtara mill-Ingilterra 8 snin ilu.

Il-premjijiet kienu jikkonsistu f'challenge cup għall-ewwel u t-tieni post. Dawn it-tazzi jinżammu għal sena. Barra minn dan it-tlett rebbieħa ġew mogħtija tazza kull wieħed li ġew ġentilment mogħtija mill-Kummissarju.



# Għotja ta erba' żwiemel lill-Korp tal-Pulizija mill-Jamahirija

Fit-8 ta' Ottubru, 1977 ġew ippreżentati uffiċjalment lill-Kummissarju tal-Pulizija, erba' żwiemel li l-Gvern tal-Jamahe-rija Libjana ta lill-Prim Ministru Malti biex jintużaw bħala parti mill-Kavallerija tal-Korp tal-Pulizija.

Waqt din iċ-ċerimonja, l-Ambaxxatur Libjan, is-Sur Jellala, qal li din l-għotja hija turija tal-ħbiberija speċjali li s-sisien tagħna nbnew mill-Prim Ministru Malti u l-President Libjan. Mr. Jellala kompla jgħid li din il-ħbiberija hija mibnija fuq ħafna affarijiet li ż-żewġ popli għandhom in komuni, fosthom l-ilsna.

Wara l-Kummissarju, f'diskors li għamel, irringrazzja lil Ambaxxatur Libjan u kompla jgħid li dawn iż-żwiemel se jintużaw biex f'Malta tinżamm il-paċi u bon ordni u qal ukoll li din l-għotja turi r-relazzjonijiet tajba li jeżistu bejn il-Korp tal-Pulizija ta' Malta u dak Libjan.



tkompli minn p11

flimkien mal-bidu tad-delitt li dak li jkun jista' jagħmel b'detriment għal xi ħadd. L-attentat fih innifsu hu azzjoni.

Fi ftit kliem, dejjem kif jidhirli jien mill-aspett naturali tas-suġġett, l-aċċettazzjoni tal-ħsieb ma l-esekuzzjoni parzjali tad-delitt, għalkemm minn but vojt, hi biċċa azzjoni kontra xi ħadd li tista' twassal għal xi forma ta' periklu, telf jew offiża oħra liċ-ċittadin. Nerġa' ngħid li kull każ trid tikkunsidrah fiċ-ċirkostanzi tiegħu kollha.

## BRITANNIA RESTAURANT

- St. Lucia Street/Republic Street, Valletta.
- English or Continental meals.
- Your dining pleasure is our concern.

Dial 625761

---

# CURIO HOUSE

- Shop full of fascinating antiques, gold, silver, and filigree accessories.

---

## AUSTRALIA CAFE

- Old Theatre Street, Valletta.
- The housewife will benefit by trying our daily made fresh meat and rikotta pies — timpani and cheesecakes.

Dial 24869

# Drug Abuse by Alan Jackson, RAF Drug Squad

**PART 5**

## NARCOTIC DRUGS (Morphine, Heroin Etc)

Natural and synthetic Morphine like drugs are the most effective pain relievers in existence and are among this most valuable drugs available to the medical profession. They are widely used for the relief of the short-term acute pain resulting from surgery, fractures, burns etc, and in the later stages of terminal illnesses such as cancer.

## ABUSE

The appeal of morphine like drugs to the abuser lies in their ability to reduce sensitivity to both psychological and physical stimuli and to produce a sense of euphoria or well-being. These drugs dull fear, tension or anxiety. Under the influence of morphine like narcotics the addict is usually lethargic and indifferent to his environment and personal situations.

The price tag on the abuse of these drugs is high. Chronic abuse may lead to both physical and psychological dependence. Tolerance develops and ever-increasing doses are required to achieve the desired effect.

## ADMINISTRATION

Heroin, the most abused drug in this group, is almost always combined with Cocaine (H and C) to counteract the sedative effect of the Heroin. It may be taken in tablet form, by injection beneath the skin (subcutaneous) "skin-popping", but most frequently it is injected directly into a vein (Intra-venous "Mainlining". Intravenous injection ("fixing") gives an immediate effect known as a "flash" (due to the Cocaine) but is less prolonged than the subcutaneous or oral routes. Heroin can also be taken as snuff, a method chosen by those too squeamish to inject themselves.

Tolerance develops steadily and may involve a change of method of administration to get greater effects. An intense, prolonged psychic dependence develops as well as severe physical dependence.

## EFFECTS AND RECOGNITION

Immediately after administration, a state of sleepy well being, (euphoria) and a feeling of overwhellming power is developed. This fades quickly however, passing into agitation, anxiety and obsessional pre-occupation about procurring the next "fix". As the time for the next dose approaches, anxiety and restlessness increases. Due to the abusers obsession to secure another fix, personal neglect and mulnutrition are common. They are more apt to contract infections such as Hepatitis, Jaundice or Venereal Disease, from sharing dirty needles, as well as causing abscesses at injection sites. Needle pricks, scars and bruises along the lines of veins, particularly on the arms, are typical of the "Heroin Tattooing" which normally identifies the Heroin abuser, and it is for this reason that clothing with long sleeves is favoured, even in hot weather.

The injection kit ("gear"), often in a tin box, is usually carried about by the addict. As his need for the drug increases normal social contacts will cease and it soon becomes impossible for him to hold on to a job. He becomes a convincing liar, deceitful, he lacks concentration and will abuse trust placed in him. Heavy doses may result in failure of respiration, this also occurs if the usual dose of Heroin is taken without the Cocaine.

The typical age of death of a regular Heroin abuser is the early 30's. He is very susceptible to ordinary infections and accidents and lives under the perpetual threat of an overdose, caused either by miscalculating the strength of the dose, or the drug being stronger that it was represented to be at the time the abuser bought it.

Because regular Heroin injections tend to prevent menstruation, the female abuser, who resorts to prostitution to



MORPHINE BASE


DOSAGE AND ILLICIT FORMS OF MORPHINE


OPIUM POPPY & DERIVATIVES
CRUDE & SMOKING OPIUM, CODEINE, HEROIN, MORPHINE


ADDICT'S EQUIPMENT

CONT. ON PAGE 17

# TIP TOP

**FGURA, VALLETTA, RABAT, MOSTA**

- PORTABLE TV'S
- RADIOGRAMMES
- CALCULATORS
- RADIOS
- RADIO CASSETTES
- TAPE RECORDERS
- FANS
- AND LOTS MORE

# TIP TOP

*your first and last choice*

# Xogħol ta' Bżulija u Heġġa

Fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija bħalissa qed isir xogħol estensiv strutturali li hu ntiż biex jipprovdi spazju aktar għal uffiċini, garaxijiet għal vetturi tal-Pulizija, dormitorji u bini ta' laboratorju modern tal-fotografija, ballistika, finger-prints u esplussivi. Qed isir ukoll tkabbir u modernizzar tas-sezzjoni tal - Mechanical Transport biex il-Pulizija jkollha għad-dispożizzjoni tagħha trasport aktar effiċjenti.

Dan ix-xogħol qed isir minn membri tal-Korp li volontarjamen offrew li jagħtu kontribut f'dan ir-rigward. It-tmexxija tax-xogħol qegħda f'idejn il-Kuntistabbli 1360 Fredu Borg li għandu esperjenza sewwa f'dan ix-xogħol u li flimkien ma' sħabu (575 S. Agius, 275 J. Abdilla u 164 L. Borg) jaħdmu kuljum għal siegħat twal biex jaraw li x-xogħol jitlesta malajr.



Il-Kuntistabbli 1360 F. Borg

Fredu Borg daħal fil-Pulizija fi Frar, 1976 u wara li serva għal xi żmien fid-distretti ġie trasferit għas-sezzjoni tal-klieb minn fejn inqala' biex ikun jista' jieħu ħsieb dan ix-xogħol.

Huwa ta' min ifakkar ukoll l-inizjattiva ta' membri tal-Fire Brigade taħt it-tmexxija tas-Surġent 1181 Aquilina (Il-guy) li waqt il-ħin tal-mistrieħ tagħhom, meta ma jkunux qegħdin fuq xogħol ta' tifi tan-nar, qed jaħdmu fuq xogħol strutturali li qed isir fl-M.T. Section.

# DRUG ABUSE

CONT. FROM P.15

finance her habit, is unlikely to become pregnant. If, however, she runs short of Heroin or receives supplies which are adulterated with another substance (such as quinine or lactose) then she may become pregnant. This is an increasingly frequent occurrence and the consequences to the childs upbringing can be tragic — "an addict cannot nurse a baby and a habit". Babies born of addicted mothers suffer withdrawal symptoms for the first few days of their lives, which can be serious; however, complete cure is possible because they have no psychic dependence.

## WITHDRAWAL SYMPTOMS

When supplies of the drug are cut off or delayed characteristic withdrawal symptoms develop and these may include: nervousness, anxiety, apprehension, running eyes and nose, sneezing, some body aches and dilated pupils. In more severe addiction they may include, fever, vomiting, abdominal cramps and severe shooting pains. Loss of appetite, dehydration, weight loss, persistent sleeplessness and a deterioration in general health may lead to collapse if the physical state of the abuser is poor.



DOSAGE AND ILLICIT FORMS OF CODEINE



FORMS OF HEROIN

The abuser knows that at any time during the torture of withdrawal, which reach a peak between 36 and 72 hours after the last dose, another "fix" will make him feel well again. This nagging thought only increases the agony of the withdrawal and may be sufficient to make the abuser take another dose. This in turn increases the severity of the withdrawal symptoms and so the never ending circle begins, until within a very short time the drug is being administered, not for the effects it produces, but merely to minimise the pain of the withdrawal symptoms.

It is quite true to say that Old heroin addicts never die', quite simply because there are NO old heroin addicts, only young ones and dead ones.

# MUTUAL HELP ASSOCIATION

Il-kontribuzzjonijiet tal-Mutual Help Association tax-xahar ta' Novembru, 1977, kienu għall-familji ta' l-imsemmija ex-membri tal-Korp:—



Ex-Kuntistabbli Nru 197
Joseph Axiaq



Ex-Surġent Nru 501
Francis Schembri


IL-FORESTA
Ta' Qali's 3 major landmarks
SPORTS CENTRE
Ta' Qali, a disused warfield, has spawned three major landmarks. There's the Crafts Village visited by thousands of tourists, the Sports Pavilion which is used by thousands of sports enthusiasts, and now IL-FORESTA, the favoured restaurant nightclub of a huge number of people.
IL-FORESTA has proved an instant success not only on account of its warm atmosphere but also because it happens to be one of the best restaurants on the island. Dine and dance at
CRAFTS VILLAGE
IL-FORESTA
Make your reservation today.
Telephone 41633.

# A TOURIST ASKS

## THE AUBERGES

The Auberges, or inns, were the residences of the Knights of different nationalities. It was here that the Knights lived, messed and transacted the business of their group. Originally eight in number they were nearly all designed by the Maltese architect Girolamo Cassar. One, the Auberge d'Allemagne (German Langue) was demolished in 1838 in order to make room for the building of the Anglican Church of St. Paul. The Auberge de France in South Street and that of Auvergne in Republic Street were completely destroyed during the war. The five Auberges which still stand are the Auberge de Provence, Auberge de Castille, Auberge d'Italie, Auberge d'Aragon and Auberge d'Angleterre and de Baviere.

The Auberge de Provence (built in 1571-75) is in Republic Street, and now houses the National Museum. The Knights of Provence were entrusted with the defence of the Bastions and Cavalier of St. John.

The Auberge de Castille (rebuilt by Grandmaster Pinto in 1744) served as Military Headquarters for many years and is the most imposing of the Auberges. The Knights of Castile and Leon were responsible for the defence of the Bastions of Santa Barbara.

The Auberge d'Italie (built in 1575 and enlarged in 1683) is in Merchants Street and is now used by Government Departments (General Post Office and Water Works Dept). The Bastions of St. Peter and St. Paul were the responsibility of this Langue.

The Auberge d'Aragon (built in 1571). For many years used as the official residence of the Prime Minister it now houses the Ministry of Education. The Knights of this Langue were the defenders of St. Andrew's Bastions, and the Church of Our Lady of Pilar belonged to them. It is situated in Independence Square opposite St. Paul's Anglican Cathedral.

The Auberge d'Angleterre and de Baviere (built in 1784). Assigned to the Anglo-Bavarian Knights this Auberge overlooking Marsamxetto Harbour, has been used as a Government Primary School and is now used by the Education Department.

(From 'Tourist Guide to Malta and Gozo' by J. Manduca)

# L-ITTRI TAGHKOM

Sir,

Revival of long forgotten Police Circulars is a frequent occurrence to instill a keener sense of awareness in all the members of the Force. A case in point is GHQ Circular No. 129/75 instructing members of the Force not to dial 24001 to contact Room but to avail themselves of no less than 17 other lines, thus easing the congestion and assisting the switchboard operators at Control Room in rendering a prompt and efficient service. The above mentioned Circular repealed GHQ Circular 9 of 1967 and 83 of 1970 on the same subject.

The efficiency conscious members of the Force have always adhered to such instructions and have refrained from using the much publicised 24001 (sic).

However, it is regretted that whenever somebody wants to contact Control Room on 24002/9, 20451/8 and 24670 he persistently receives the engaged tone or none at all, thus leaving him no alternative but to use 24001 with the result that more often than not the line is also engaged.

I very much doubt if the alternative telephone numbers are in fact in use when one dials and receives an engaged tone. It is a known fact that a telephone orderly faced with a battery of telephone lines and teleprinter, to avoid being indated by incoming calls, invariably fiddles with the majority of the alternate telephone lines with the result that the caller is met with a continuous engaged tone.

When somebody wants to contact Control Room from his place of work and finds the lines engaged he only expresses a slight degree of exasperation, however, when somebody has to use his private line or leave his house and use a public phone and gets the same treatment his degree of exasperation naturally exceeds the legal limits with the result that he is frothing at the mouth.

Finally may I suggest that the whole list of available telephone numbers is printed in the Telephone Directory in order that the tax-paying public will be afforded prompt and efficient service by us, his servants.

**A.M.**

## L-EXTRA DUTY ON PAYMENT

Wara negozjati bejn l Association u l-Awtoritajiet wasalna għal ftehim dwar ir-rati għal kull 4 siegħat jew parti minn 4 siegħat kif approvati mill-Gvern ġew:–

| | | Rati għal kull siegħa |
|---|---|---|
| Kuntistabbli: | £M2.50,0 | 65 ċent. |
| Surġent: | £M2 75,0 | 70 ċent. |
| Surġent Maġġur: | £M3.00,0 | 75 ċent. |
| Spettur: | £M3.50,0 | 85 ċent. |
| Suprintendent: | £M4.00,0 | £M1 |

Kif jidher kien hemm żjieda ta' madwar 139 fil-mija tar-rati ta' qabel li kienu ġew iffissati fl-1968.

Il-Kumitat ta' l-Association jieħu din l-okkażjoni biex jirringrazzja lil Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Cachia, ta' l-għajnuna li ta lill-Association matul dan iż-żmien li ilu Kummissarju għaliex ninsabu konvinti li barra mill-ħidma tal Association dan l-aħħar ġimgħat kien hemm ukoll intervent mill-Official Side biex tiġi ffinalizzata din it-talba tagħna.

## L-ELEZZJONIJIET TA' L-ASSOCIATION

Fl-24 ta' Ottubru, 1977, ħareġ ir-Writ sabiex isiru l elezzjonijiet ta' l-Association. In-nominazzjonijiet saru fit-28 u 29 tax-xahar. Rapport sħiħ jingħata f'ħarġa oħra ta' dan il-magazine.

## EDITOR'S NOTE

**Police General Headquarters telephone lines:**

24002, 24003, 24004, 24004, 24005, 24006, 24007, 24008, 20451, 20452, 20453, 20454, 20455, 20456, 20457, 20458, 24670.

# PAGNA SPORTIVA

## MIS-SURĠENT ALFRED DEBATTISTA

**Parteċipazzjoni tat-team tal-Pulizija fil-Kompetizzjoni "FOOTBALL GHAL KULHADD"**

Wara stedina li saret lilna biex it-team magħżul tal-Pulizija jieħu sehem fil-kompetizzjoni "FOOTBALL GHAL KULHADD" organizzata mill-Ministeru ta' li Sports, il-korrispondent tagħkom flimkien mas-Surġenti Anthony Tanti u Dennis Caruana, kellhom laqgħa mal-Kummissarju tagħna, is-John Cachia, fil-preżenza tal-A.C.(A) Paul Mamo biex jiġi diskuss x'għandu jsir biex din il-parteċipazzjoni tħalli l-frott mistenni.

Qabel xejn irrid nesprimi sodisfazzjon tat-tlett membri li attendejna, għal kordjalita' u l-entusjażmu li bihom il-Kummissarju laqagħna u għall-interess li wera f'din il-parteċipazzjoni tal-football u ta' sports ieħor.

Il-Kummissarju għoġbu japprova li l-players magħżula jiġu mgħajjta tlett darbiet fil-ġimgħa (it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa) għal 4 sigħat biex ikun jista' jsir preparament adegwat. Dan ġie approvat fid-dawl ta' l-esperjenza tas-sena l-oħra fejn kien deher li b'aktar preparament stajna wasalna aktar. Meta jaslulkom dawn il-kelmtejn, it-team tagħna jkun għamel xi żmien ta' preparament u jkun ukoll lagħab xi partiti ta' ħbiberija li fuqhom nikkummentaw aktar 'il quddiem, f'ħarġiet oħra.

X'aktarx li din is-sena, wieħed mir-regolamenti tal-Kompetizzjoni se jkun ir-reġistrazzjoni ta' 20 player għal kull team. Għalhekk ġew mgħajjta 20 player ta' esperjenza, inklużi wkoll xi players aktar żagħżagħ biex b'hekk meta jasal iż-żmien inkunu sibna dawk il-players l-aktar addattati.

Se jsir training fiżiku taħt it-tmexxija tas-Surġent Alex Barberi li huwa kwalifikat f'dan ir-rigward kif ukoll taħriġ tekniku, training u dak li jkun hemm bżonn taħt il-ħarsien tiegħi, bl-għajnuna taż-żewġ membri fuq imsemmija.

Sakemm jinstab post addattat u apparat tajjeb, se jsir użu mil-lecture room ta' ħdejn il-Canteen bil-ftit apparat li hemm bħalissa. Aktar 'il quddiem hemm il-ħsieb li biex tiġi mgħejuna t-teknika tal-players tagħna, jinġiebu Coaches Maltin magħrufa u referees ta' ċerta fama biex jagħtu lectures lill-players u wkoll jinġiebu films addattati biex minnhom nitgħallmu l-aħħar metodi tal-logħba.

Aktar 'il quddiem għandhom jissejħu rappreżentanti tad-Distretti biex jerġa' jiġi organizzat il-league tad-Distretti.

Ma nistax nagħlaq mingħajr ma nirringrazzja lill-Kummissarju u lis-Sur Paul Mamo għall-inkoraġġiment u l-għajnuna kbira li qed juru magħna għall-ġid ta' li sports fost il-Korp.

### INTERVISTA MA' ALBERT SANGES

Bla ma qatt kont nistenna, kelli x-xorti li niltaqa' ma' ALBERT SANGES u għamiltu intervista għal din il-pagna.

Qabel xejn min hu dan Bertu Sanges?

Jekk tiftakru, fil-ħarġa Numru 2 (Ġunju 1977) konna ppubblikajna ritratt tat-Team tal-Football tal-Pulizija tal-1921/22. Bertu Sanges hu dak li hemm bil-qegħda, fuq quddiem fit-tarf fuq il-lemin.

Mingħand Sanges, li twieled fl-24 ta' Awissu 1900, u li fi żmien dak ir-ritratt kellu 22 sena, sirt naf li huwa kien goalkeeper ta' klassi u kien jilgħab mal-Marsa u wara mal-Furjana.

Kien fis-sena 1921 fi żmien il-Kummissarju Bamford li kien ġie ffurmat it-team u li l-istess Kummissarju kien bgħat għal Sanges, daħħlu fil-Pulizija u fforma parti mit-team. It-team kien jieħu sehem kemm f'partiti ta' ħbiberija mas-Servizzi kif ukoll kien jifforma parti mil-league Nazzjonali flimkien ma' teams bħal Furjana, Valletta, Cospicua, Raħal Ġdid u Sliema.

Fis-sena msemmija, it-team tal-Pulizija kien spiċċa ndaqs fil-punti mal-Furjana u fid-decider, il-logħba spiċċat draw ta' xejn b'xejn. Fir-replay, ġimgħa wara, il-Pulizija tilfu b'goal uniku, fil-Mile-End.

Sirt naf ukoll li dan it-team,



wara li spiċċa Bamford kien għamel xi sentejn imbagħad spiċċa fix-xejn. Sanges li wara ħareġ mill-Pulizija, lagħab mal-Furjana u wara siefer fuq vapuri tal-Merkantili. Illum għandu 77 sena u jidher li x'aktarx li huwa l-uniku membru ta' dak it-team li għadu ħaj, peress li membru ieħor, Ruġġieru, miet fl-Awstralja ftit ilu.

Jekk hemm xi membru ieħor li aktarx għadu ħaj huwa wieħed mill-Uffiċċjali li jidhru f'nofs ir-ritratt (is-Sur Bertie Grech) u jekk hu hekk, 'il quddiem forsi niltaqgħu miegħu ukoll.

L-ismijiet tal-players li Sanges jiftakar huma dawn:—

**Bil-wieqfa:** Goalkeeper Caruana (li skond Sanges ma kienx il-goaler regulari, għaliex kien hu, Sanges, in-numru wieħed).

**Quddiem, mix-xellug għal-lemin:** (Mhux magħruf), Emmanuel (Bażokk), Gejtu Psaila (il-magħruf Haċċa), Ruġġieru u Johnson.

**L-uffiċċjali:** Insp. Bertie Grech, Insp. Agius u l-Maġġur mhux magħruf).

**Bil-qiegħda quddiem:** Salvu Cini, (mhux magħruf), Gejtu Sciberras, Tony Facciol u Bertu Sanges.

Ikkonfermajt ukoll li l-kuluri tat-team kienu t-tradizzjonali BLU. Nispera li dan it-tagħrif issibuh interessanti.

**Nota ta' l-Editur ta' li Sport:** Lil min talab biex ma niktbux biss fuq football f'din il-pagna ngħidulu li minbarra li naqbel miegħu perfettament nistieden lilu u lid-dilettanti ta' sport ieħor biex jikkontribwixxu huma wkoll f'din il-pagna għax il-magazine huwa ta' kulħadd. Min ikollu xi kontribuzzjoni fuq sport ieħor nistiednu jġib il-materjal u jekk ikun tajjeb biż-żejjed żgur li jiġi ppublikat.